# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

## tas-27 ta' April 2006

## dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2004

(2006/844/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2004 [1],

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2004, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija [2],

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Marzu 2006 (5972/2006 — C6 -0093/2006),

— wara li kkunsidra t-Trattat tal-KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 49 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju qafas għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [5], u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regola 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0104/2006),

1. Jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2004;

2. Jagħmel il-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni hawn taħt;

3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha lid-Direttur Eżekuttiv ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri u biex jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* (serje L).

*Il-President*
Josep BORRELL FONTELLES

*Is-Segretarju Ġenerali*
Julian PRIESTLEY

---

[1] ĠU C 269, 28.10.2005, p. 5.
[2] ĠU C 332, 28.12.2005, p. 1.
[3] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
[4] ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1701/2003 (ĠU L 243, 27.9.2003, p. 5).
[5] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1261/2005 (ĠU L 201, 2.8.2005, p. 3).